**11 ta' April, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - *President***
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Dr. Noel V. Arrigo LL.D.**

George Mifsud

*versus*

L-Onoveroli Prim Ministru *et*

**Liberta' Provviżorja - Ordni Ħażin ta' l-Avukat Ġenerali - Arrest - Legali jew Illegali - Smiegħ Xieraq**

*Il-Qorti kkonkludiet mill-fatti illi dan il-perijodu għalhekk jirriżulta li għadu tollerabbli meta l-Qorti tikkonsidra r-reati li bihom huwa mixli r-rikorrent pero` issa, li l-Att ta' l-Akkuża qiegħed diġa` quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali, li qed tikkonsidra l-eċċezzjoniiet preliminari ma jistax ikun hemm aktar raġunijiet għaliex il-proċess m'għandux isir u jispiċċa qabel ma dik il-Qorti tieqaf mill-attivita` tagħha f'Diċembru 1995 u għalhekk din il-Qorti filwaqt li qed tiċħad l-appell tar-rikorrent, qed tikkonċedi lir-rikorrent li jekk kemm-il darba huwa jibqa' arrestat - provvizorjament biss - wara l-15 ta' Diċembru, 1995 huwa għandu l-fakolta` li jirrikorri b'urġenza quddiemha, sabiex wara li tisma' lilu u lill-intimati, fuq l-atti preżenti u fuq dak li sadanittant ikun qara fl-Onorabbli Qorti Kriminali, din il-Qorti tkun tista' tipprovdi kif inhuwa sewwa skond il-ħaqq.*

Il-Qorti:-

George Mifsud, fis-26 ta' Marzu, 1993 ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, u akkużat illi kellu fil-pussess tiegħu, u spaċċja, u flimkien ma' oħrajn ittraffika d-droga - speċifikament l-eroina - u pprokurha u forniha lil ħaddieħor;

Minn dik id-data huwa baqa' arrestat u t-talbiet li għamel biex jingħata l-liberta` provviżorja ġew miċħuda - fid-19 ta' April, 1993 u fit-13 ta' Mejju, 1993;

Fis-7 ta' Lulju, 1993 huwa espona oralment illi kien ilu ma jidher quddiem il-Qorti sa mit-12 ta' Mejju, 1993 u għalhekk kien inżamm arrestat oltre ż-żmien konsentit mil-liġi mingħajr ma nġieb quddiem il-Qorti. Barra minn dan irriżulta illi dak li f'Marzu 1993 ġie rreġistrat bħala "dettalji partikolari" li jirrigwardaw l-istess

George Mifsud, dawn kienu ineżatti;

B'dan kollu t-talba biex l-istess George Mifsud, jinħeles mill-arrest, ġiet miċħuda;

Fil-21 ta' Marzu, 1994 ġie preżentat kontra Mifsud, l-Att ta' Akkuża numru 3 ta' l-1994 u wara dan kienet l-Onorabbli Qorti Kriminali li ċaħdet il-liberta' provviżorja fl-14 ta' April, 1994;

Fuq dawn il-fatti, Mifsud ppreżenta rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u espona:

"Illi sal-lum għalhekk l-esponenti għadu detenut il-ħabs nonostante li saru t-talbiet imsemmija għal-liberta' provviżorja tiegħu;

Illi dan l-istat ta' arrest u l-istess proċeduri penali odjerni huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Att XIV ta' l-1987. Illi d-drittijet ta' l-esponenti li qed jiġu leżi huma dawk protetti mill-artikolu 5(1), 5(1)(ċ), 5(3), 5(4), 5(5) u l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att imsemmi u l-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress:

1. Illi l-esponenti kien arrestat jew detenut illegalment mis-26 ta' Marzu, 1993 sas-7 ta' Lulju, 1993;

2. Illi bla preġudizzju u subordinatament għal dak li qed jingħad f'paragrafu 1 supra, l-esponenti kien arrestat illegalment stante li ma nġiebx il-Qorti fit-terminu preskritt u kwindi kellu jiġi meħlus mill-arrest tiegħu minħabba dan il-fatt;

3. Iċ-ċaħda kontinwa w irraġonevoli tad-dritt għall-ħelsien mill-arrest tiegħu għal fuq sena u xahar għal raġunijiet li fuqhom l-esponenti manifestament ma kellu l-ebda kontroll (*vide* l-aħħar digriet tal-Qorti Kriminali);

4. Illi nonostante li l-każ u l-esponenti ġew investigati f'Mejju 1988, hu ġie mressaq il-Qorti wara erba' snin u ħdax-il xahar, li jfisser li llum wara sitt snin mill-allegat reat, il-każ għadu pendenti quddiem il-Qorti Kriminali u għadu fl-istadju ta' l-eċċezjonijiet preliminari. Dan hu kontra kull sens ta' ġustizzja u jmur kontra d-dritt ta' *fair hearing within a reasonable time.* Il-Pulizija Eżekuttiva ilha li nvestigat dan il-każ mis-sena 1988 u li għalhekk minn mindu saret l-investigazzjoni fl-1988 sa meta ġie pprezentat l-esponenti l-Qorti fl-1993, dan kien kollu *idle time*, fis-sens li ma sar xejn aktar fl-investigazzjoni fil-każ ta' l-esponenti. Illi dan kollu ikkreja biss tensjoni u pressjoni għal żmien eċċessiv, meta wieħed jikkonsidra li għal kważi ħames snin ma sar xejn utli fl-investigazzjoni tal-każ tiegħu;

5. Illi l-proċeduri penali huma nulli u bla effett fil-liġi fil-konfront ta' l-esponenti;

Għaldaqstant l-esponenti talab illi dina l-Qorti jogħġobha tagħmel u tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa biex tassigura t-twettiq ta' l-artikoli tal-liġi hawn fuq imsemmija fosthom billi tordna:

(a) li jieqfu minnufih il-proċeduri kriminali fuq imsemmija (att ta' akkuża 3/94) u jiġi meħlus mill-arrest filwaqt li tiddikjara li dawn l-istess imsemmija proċeduri jilledu d-dritt tiegħu kontemplat

fl-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att ġa imsemmi u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

(b) tiddikjara li d-detenzjoni tiegħu tilledi d-drittijiet tiegħu kontemplati fl-artikoli 5(1), 5(1)(ċ), 5(3), 5(4) u 5(5) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-imsemmi Att kif ukoll l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tordna għalhekk li jiġi meħlus mill-arrest tiegħu;

(ċ) tagħti kull rimedju xieraq għad-dewmien, fosthom kumpens għall-ksur tad-drittijiet tiegħu";

L-Onorevoli Prim Ministru, in risposta, issottometta illi huwa m'għandu ebda setgħa li jagħmel xi ħaġa dwar dak li qed jillamenta r-rikorrent u għalhekk m'huwiex il-leġittmu kontradittur tal-proċedura u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; liema ġudizzju huwa integru bil-presenza ta' l-intimat Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali;

L-imsemmija Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tat-2 ta' *Diċembru*, 1994 ċaħdet din l-eċċezzjoni u l-Prim Ministru akkwiexxa għall-istess u għalhekk din l-eċċezzjoni mhix se tiġi konsidrata;

L-intimati jikkontendu illi l-allegata *nullita`* tal-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja hija ta' kompetenza tal-Qrati Kriminali li diġa` ppronunzjaw ruħhom fir-rigward, u l-materja għalhekk mhix ta' natura "kostituzzjonali". L-allegata nullita` infatti kient tagħmel riferiment għall-fatt illi kien irriżulta li l-ordni ta' l-Avukat Ġenerali biex jiġu istitwiti l-proċeduri kontra Mifsud fl-1988 kien null għaliex dak ma kienx jirrigwarda lil Mifsud, skond il-konnotati li kien fih, imma lill-persuna oħra, u jsegwi għalhekk, illi mis-26 ta' Marzu,

1993 sas-7 ta' Lulju, 1993 - meta ħarġet ordni oħra bil-konnotati korretti - l-arrest tar-rikorrenti kien illegali. L-intimati jissottomettu li sa mill-bidu nett, il-proċeduri kienu jirriferixxu għar-rikorrent Mifsud u hemm tieqaf il-kwistjoni;

Is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti qablet mas-sottomissjonijiet ta' l-intimati u qalet:

"Din il-Qorti għandha d-dubbji tagħha fuq kemm jista' r-rikorrent ikollu rimedju fil-proċeduri kriminali fis-sens li jsir pronunzjament dwar l-allegata nullita' ta' l-ordni billi llum, anke kieku l-ordni kien null, il-posizzjoni ġiet sanata bil-ħruġ ta' ordni ieħor, u r-rikorrent ma jistax jerġa' jitlob ir-rilaxx tiegħu mill-arrest fuq il-motiv ta' l-allegata nullita' ta' l-ordni issa li lanqas ir-rikorrent stess m'hu qed jallega li l-ordni huwa affetta minn xi nullita';

Iżda, il-Qorti hija tal-fehma li billi għadhom pendenti l-proċeduri kriminali mhux eskluż li l-Qorti kompetenti tippronunzja ruħha fuq in-nullita' o meno ta' l-ewwel ordni ta' l-Avukat Ġenerali. Huwa ovvju li anke jekk il-Qorti kompetenti li qiegħdha tieħu konjizzjoni tal-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent kellha tiddikjara null l-ordni in kwistjoni mhux neċessarjament tippronunzja ruħha fuq kienx illegali l-arrest. Iżda, mhux eskluż li dik il-Qorti tagħti lir-rikorrent rimedju effettiv billi, per eżempju, fl-ipotesi li ssibu ħati u tikkundannah għall-priġunerija hija tiddikjara li ż-żmien ta' l-arrest impunjat jitnaqqas miż-żmien li jkun irid jiskonta r-rikorrent. Mill-banda l-oħra, fl-ipotesi li r-rikorrent jiġi liberat jista' jkun li l-uniku mezz ta' rimedju li jkollu jkun dak li jadixxi din il-Qorti, u dan id-dritt tiegħu qed jibqa' salv u impreġudikat. Iżda f'dan l-istadju, ma jistax jingħad li r-rikorrent m'għandux disponibbli mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur minnu

allegat. *Del resto*, mhux il-każ li r-rikorrent għandu bżonn rimedju immedjat *biex il-ksur ma jkomplix, billi l-allegat ksur spiċċa*, u huwa limitat għall-perijodu bejn is-26 ta' Marzu, 1993 sas-7 ta' Lulju, 1993";

Ir-rikorrent fuq dan il-punt, donnu akkwiexxa għal dak li hemm fis-sentenza appellata tant illi qal:

"Fl-ewwel lok għandu jiġi rilevat illi in vista tal-ġudizzju ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, li ma tiddeċidix dwar l-ewwel u t-tieni lament ta' l-esponenti, stante proċeduri penali preliminari, pendenti, b'hekk illi d-dritt ta' l-esponenti "jibqa' salv u impreġudikat" dan ir-rikors ta' appell hu limitat dwar *żewġ ilmenti ta' l-esponenti*";

Din il-Qorti fuq din l-esposizzjoni se ssegwi din l-indikazzjoni u se titratta l-kwistjoni ta' "smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli u iċ-ċaħda ta' liberta' provviżorja";

Is-sentenza appellata ikkunsidrat dawn iż-żewġ elementi flimkien, u prattikament f'kuntest wieħed:

"Illi kif ġa ġie rilevat l-allegat arrest illegali spiċċa fis-7 ta' Lulju, 1993 u li jrid jiġi eżaminat issa huwa jekk il-proċeduri kriminali ilhomx pendenti għal żmien li mhux raġonevoli u jekk iċ-ċaħda għal-liberta' provviżorja hijiex ġustifikata, għaliex l-ewwel punt jista' jinċidi fuq it-tieni fis-sens li jekk il-proċeduri jdumu pendenti għal żmien li mhux raġonevoli anke ċ-ċaħda għal-liberta' provviżorja tista' ssir minħabba f'hekk hija wkoll mhux raġonevoli u kwindi mhux ġustifikata";

Għalkemm dan huwa korrett, pero' l-esposizzjoni separata

ta' żewġ kwistjonijiet hija possibbli wkoll u għandha tiġi tentata, għal skopijiet ta' kjarezza;

Tgħid is-sentenza appellata:

"Ir-rikorrent jikkontendi li l-proċeduri ilhom pendenti snin billi r-reat li bih huwa qed jiġi akkużat allegatament ġie kommess fis-sena 1988, u għalkemm huwa ġie mressaq b'arrest f'Marzu 1993, huwa ilu taħt l-inkubu tal-proċeduri kriminali minn meta l-pulizija kienu nvestigawh f'Mejju 1988, u li f'dan il-perijodu ma sar xejn aktar fl-investigazzjoni tal-każ tar-rikorrent u li dan kollu ikkreja biss tensjoni u pressjoni għal żmien eċċessiv, kważi ħames snin, u ma sar xejn utli fl-investigazzjoni tal-każ tiegħu;

Issa jirriżulta li meta l-Pulizija kienu interrogaw lir-rikorrent fit-12 ta' Mejju, 1988 (huwa) kien għamel stqarrija li ma kienet stqarrija xejn peress li għad-domandi li sarulu huwa għażel li ma jirispondix. S'intendi, dan hu dritt tiegħu, pero' minħabba dan, il-Pulizija ma setetx dak iż-żmien tipproċedi kontra tiegħu billi l-provi li hija riedet tressaq fil-konfront tiegħu kienu ta' persuni li ma setgħux jiġu prodotti bħala xhieda billi kienu jinkriminaw ruħhom u għalhekk ġara li kellhom l-ewwel jiġu proċessati t-terzi persuni nvoluti sabiex, wara li l-każ tagħhom jiġi ġudikat, huma jiġu prodotti bħala xhieda fil-proċeduri kontra r-rikorrent;

Għalhekk, ma jistax jingħad li ż-żmien li għadda mid-data ta' l-allegat reat li bih qed jiġi akkużat ir-rikorrent u meta bdew il-proċeduri kontra r-rikorrent kien żmien moħli. Il-prosekuzzjoni ma setetx tagħmel mod ieħor, għar-raġuni fuq imsemmija, u fiċ-ċirkostanzi, il-prosekuzzjoni bdiet il-proċeduri kontra r-rikorrent meta dan sar possibbli. Lanqas ma jista' jingħad (li) s'issa għadda

xi żmien eċċessiv minn mindu r-rikorrent ġie arrestat, konsidrati l-gravita` w in-natura tar-reat";

L-appellant jillamenta illi ġaladarba l-ewwel Qorti aċċettat illi d-*dies a quo* li għandu jiġi kkunsidrat hija d-data ta' meta fl-1988, il-Pulizija bdew jinvestigaw lir-rikorrenti, m'hemmx dubbju li r-rikorrent għandu raġun billi fl-aħħar ta'l-1994 għadu jistenna biex jiġi proċessat;

Din il-Qorti tosserva illi s-sentenza appellata, fuq dan il-punt, issemmi ġ-ġustifikazzjoni illi l-proċess kontra Mifsud ma setax jinbeda qabel ma jgħaddu proċess ċerti persuni li huma xhieda potenzjali kontra Mifsud, sabiex dawn imbagħad, ikunu jistgħu jixhdu kontra tiegħu għaliex ma jkollhomx il-privileġġ li ma jixhdux għaliex jistgħu jinkriminaw ruħhom. U dan l-element għalhekk jiġġustifika t-tul li ħadu l-proċeduri sa issa;

L-intimati, fir-risposta tagħhom għall-appell - ikkonċedew illi biex jiġi kunsidrat meta jibda jitqies iż-żmien li fih, raġonevolment għandu jkun hemm smiegħ xieraq, id-data hija dik meta Mifsud ġie arrestat mill-Pulizija f'Mejju 1988 - (ara fol. 646);

Din il-Qorti tosserva illi bejn Mejju 1988 u s-26 ta' Marzu, 1993 ir-rikorrent baqa' dejjem fil-liberta`, jew aħjar, ħieles mill-arrest, u tikkonfessa illi ma fehmitx għaliex arrest mill-Pulizija, li ma teċċediex it-tmienja u erbgħin (48) siegħa, u li ma ġiex segwit minn arrest mill-Awtorita` Ġudizzjarja, għandu jitqies bħala d-*dies a quo* biex jiġi stabbilit id-dritt fundamentali ta' l-individwu sanċit bl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni illi jgħid:

"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smiegħ

xieraq għeluq żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi";

L-arrest mill-Pulizija, meta mhux segwit minn arrest mill-Awtorita' Ġudizzjarja m'huwiex ekwivalenti għall-akkuża b'reat kriminali;

L-istess jingħad rigward l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni:

*"In the determination .... of any Criminal charge against him, everyone is entitled to a .... hearing within a reasonable time ..."*

Fejn *charges* tiġi ekwivalenti għal ***arrest***;

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-*arrest* mill-Pulizija, li f'ħafna okkażjonijiet ma jiġix segwit mill-akkuża formali quddiem l-Awtorita' Ġudizzjarja, jista', allura, minħabba dak in-nuqqas ta' segwitu, jikkwalifika dejjem bħala vjolazzjoni tad-dritt fundamentali protett minn dawn iż-żewġ artikoli;

L-appellant, taħt dan it-titolu ta' smiegħ xieraq egħluq żmien raġonevoli, jgħid illi biex dan jiġi stabbilit iridu jiġu eżaminati (i) il-komplessita' tal-każ, (ii) il-kondotta tar-rikorrent, u (iii) *handling* jiġifieri l-kondotta ta' l-awtoritajiet prosekuturi fil-mod li mexxew il-proċeduri;

Din il-Qorti taħseb li dan kollu huwa assolutament prematur għaliex il-proċeduri kontra r-rikorrent għadhom ma ingħalqux u ma jistax jingħad li dawk il-proċeduri, li, kif intqal, bdew fis-26 ta' Marzu, 1993 konsiderata biss in-natura ta' l-akkużi proferiti - ma jitolbux eżami, fuq lungaġini irraġonevoli, f'dan l-istadju;

Del resto, is-sentenza appellata ma jidhirx li kkonsidrat din il-materja ta' nuqqas ta' trattazzjoni xierqa fi żmien raġonevoli - u aktar rimarkevoli, l-appellant stess ma jsemmi xejn fuq dan in-nuqqas ta' l-ewwel Qorti, nuqqas li ma jistax ma jiġix innotat u anzi sottolinejat;

Fuq dan il-punt ċentrali tal-lamenti tar-rikorrenti, l-ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni, is-segwenti fatturi negattivi li jiġġustifikaw iċ-ċaħda ta' liberta' provviżorja:

(a) il-gravita' tar-reati addebitati;

(b) il-kompilazzjoni tal-provi ta' dawk ir-reati għadha sejra; (sadanittant l-Att ta' l-Akkuża kontra r-rikorrent ħareġ);

(ċ) il-periklu ta' inkwinament ta' dawk il-provi;

(d) il-periklu ta' ripetizzjoni tenut kont tal-forza tal-vizzju u rebgħa għall-profittti faċli; u

(e) il-piena komminata jekk tinstab il-ħtija, liema piena hija qawwija biżżejjed biex tħajjar lill-imputat li jaħrab u jitlaq mill-Gżejjer;

L-appellant jirrispondi illi:

Bejn l-1988 u l-1993 ir-rikorrent dam ħames snin sħaħ igawdi liberta' sħiħa. Kien diġa' ġie mistoqsi mill-Pulizija, kien jaf li huwa suspettat; kien jaf b'diversi nies li ġew imressqa l-Qorti fuq reati simili u konnessi; kien jaf li ġew proċessati; seta', jekk ried, jisma'

l-provi u b'dan kollu, ma sabet ebda prova li f'dawk il-ħames snin huwa qatt intrometta ruħu biex "jinkwina" xi provi li setgħu b'xi mod ikun riferibbli għalih. Għalhekk ir-raġuni mogħtija fil-paragrafu supra ma tistax tissussisti;

La r-rikorrenti huwa innoċenti u mhux ħati ma jistax jiġi kkunsidrat li huwa jista' "jirrepeti" reati, li ma kkommettiex - u b'hekk taqa' wkoll ir-raġuni l-oħra;

Għalkemm f'diversi każijiet, il-piena prospettata kienet qawwija, inkluż ħabs għal ħamsa u għoxrin (25) sena, xorta waħda ingħatat liberta' provviżorja - u r-rikorrenti għamel referenza għal diversi digrieti mogħtija kemm mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll mill-Qorti Kriminali - (Riferenzi kemm fir-rikors ta' appell kif ukoll fin-nota ta' l-1 ta' Marzu, 1995);

Din il-Qorti tapprezza dawn ir-raġunijiet tar-rikorrent u verament issib li huma korretti - pero' m'humiex deċiżivi u konklużivi għall-każ. Il-gravita' tar-reati addebitati u l-kwalita' tagħhom minħabba l-impatt li reati simili qed ikollhom fis-soċjeta' preżentement, huma fatturi li ma jistgħux ma jiġux kunsidrati b'mod l-aktar prudenzjali;

Kif ġie osservat, id-*dies a quo* li qed tikkonsidra li minnha ġiet miċħuda l-liberta' tar-rikorrent hija l-ġurnata tas-26 ta' Marzu, 1993 u għalhekk perijodu ta' xi ġranet aktar minn sentejn;

Hawnhekk għandu jiġi nutat fatt importantissimu li donnu ġie injorat mill-partijiet matul dan il-proċediment u hekk ukoll mis-sentenza appellata;

Ir-rikorrent Mifsud, waqt li kien ġie arrestat fis-26 ta' Marzu, 1993 fi proċess ieħor, fit-13 ta' Lulju, 1993 ġie kundannat għal sena priġunerija mill-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali (Inferjuri) u għalhekk huwa evidenti li l-perijodu ta' arrest preventiv f'din l-aħħar data ġie interrott. Ma' l-erba' xhur li għaddew bejn dawn iż-żewġ dati jridu jiżdiedu dawk ix-xhur li għaddew mid-data li huwa skonta l-piena inflitta fit-13 ta' Lulju, 1993;

Dan il-perijodu għalhekk jirriżulta li għadu tollerabbli meta l-Qorti tikkonsidra r-reati li bihom huwa mixli r-rikorrent pero` issa, li l-Att ta' l-Akkuża qiegħed diġa` quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali, li qed tikkonsidra l-eċċezzjoniiet preliminari ma jistax ikun hemm aktar raġunijiet għaliex il-proċess m'għandux isir u jispiċċa qabel ma dik il-Qorti tieqaf mill-attivita` tagħha f'Diċembru 1995 u għalhekk din il-Qorti filwaqt li qed tiċħad l-appell tar-rikorrent, qed tikkonċedi lir-rikorrent li jekk kemm-il darba huwa jibqa' arrestat - provviżorjament biss - wara l-15 ta' Diċembru, 1995 huwa għandu l-fakolta` li jirrikorri b'urġenza quddiemha, sabiex wara li tisma' lilu u lill-intimati, fuq l-atti preżenti u fuq dak li sadanittant ikun qara fl-Onorabbli Qorti Kriminali, din il-Qorti tkun tista' tipprovdi kif inhuwa sewwa skond il-ħaqq;

L-ispejjeż ta' l-ewwel grad kif regolati, dawk ta' dan l-appell - bla taxxa.